# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
# Boys' Secondary, Kirkop

| Mark |
|---|
| |

## HALF-YEARLY EXAMINATION – 2011/12

**Track 3 (JL)**

| FORM 4 | STUDJI SOĊJALI | TIME: 1h 30min |
|---|---|---|

| Taqsima | A | B | Ċ | D | Marka Globali |
|---|---|---|---|---|---|
| Marka Massima | 25 | 35 | 15 | 25 | 100 |
| **Marka** | | | | | |

DO NOT WRITE ABOVE THIS LINE

**Isem:** ________________________________ **Klassi:** __________

**A. Wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet kollha li ġejjin:**

1. Għaliex hu importanti għall-individwu li jibni relazzjonijiet soċjali? (5 marki)
2. Is-soċjalizzazzjoni hi proċess importanti ħafna fil-ħajja tal-bniedem. Għaliex? (5 marki)
3. SPJEGA u agħti ŻEWĠ eżempji ta' gruppi ta' pressjoni. (5 marki)
4. X'nifhmu bil-kelma **multikulturaliżmu**? Teżisti din f'Malta? (5 marki)
5. Xi tfisser **inugwaljanza**? Għalxiex twassal l-inugwaljanza f'pajjiż? (5 marki)

**25 marka**

**B. Aqra din is-silta u wara wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Il-Funzjonalisti jaraw is-soċjeta' bħala ġisem tal-bniedem u l-istituzzjonijiet soċjali bħala l-organi f'dan il-ġisem. Il-familja bħala istituzzjoni tagħmel ukoll parti minn dan il-ġisem u għalhekk is-soċjeta' ma tistax tkun kompluta mingħajr familja, l-istess bħal meta l-ġisem jekk tneħħilu organu vitali, imut.

Il-funzjonalisti jemmnu li l-familja għandha ħafna funzjonijiet x'taqdi. Fost l-aktar funzjonijiet importanti hemm il-prokrejazzjoni u t-trobbija tat-tfal. Il-familja hija meqjusa bħala l-ewwel post li fiha t-tfal jieħdu t-tagħlim tagħhom biex isiru membri tas-soċjeta'.

**Meħuda mill-ktieb Studji Soċjali: Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjeta'**

1. Il-familja hija l-grupp bażiku fis-soċjeta'. Spjega din il-frażi u semmi wkoll x'inhu l-irwol prinċipali tal-familja. (3,3 marki)
2. L-istituzzjoni tal-familja għandha ħames funzjonijiet ewlenin. Liema huma dawn il-ĦAMES funzjonijiet. (5 marki)
3. Il-familja tal-lum m'għadhiex biss dik magħmula minn raġel, mara u uliedhom. Agħti ŻEWĠ eżempji ta' tipi differenti ta' familji li nsibu f'Malta llum. (2,2 marki)
4. Kif qiegħda tinbidel il-familja matul iż-żmien? (5 marki)
5. Fis-seklu 21, il-familja kompliet tiffaċċja problemi u sfidi ġodda. X'tifhem b'dan u agħti ŻEWĠ eżempji. (3,2 marki)
6. Il-familja hija aġent importanti ħafna fil-proċess tas-soċjalizazzjoni. X'nifhmu bil-kelma soċjalizzazzjoni u x'differenza tgħaddi bejn soċjalizzazzjoni primarja u sekondarja? (3,2 marki)
7. Il-familja hija mezz ta' kif il-kultura tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra. Spjega għaliex u agħti ŻEWĠ eżempji ta' kif dan jista' jseħħ. (3,2 marki)

**35 marka**

**Ċ: Ikteb paragrafu ta' madwar 150 kelma dwar WIEĦED minn dawn li ġejjin:**

a. X'tifhem b'identita' nazzjonali?

b. Għalfejn il-bniedem huwa ħlejqa soċjali?

ċ. Fis-soċjeta' insibu diversi gruppi differenti. Iddiskuti.

**15-il marka**

**D. Ikteb komponiment ta' madwar 200-250 kelma dwar WIEĦED minn dawn:**

a. Il-kultura Maltija tagħtina sens ta' kontinwita' kif ukoll sens ta' bidla. Spjega dan billi tagħti eżempji.

b. L-istratifikazzjoni soċjali teżisti f'kull soċjeta'. Iddiskuti.

c. L-Ingliżi jgħdu li "No man is an island". X'tifhem b'dan?

d. Il-proċess tas-soċjalizzazzjoni jgħin biex aħna ngħixu f'soċjeta' magħquda u mhux f'ġungla. Iddiskuti.

**25 marka**